# Eżami għall-Applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għall-persuni li jagħmlu installazzjoni tal-Elettriku skont ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi (L.S. 545.24) – Lulju 2026

1. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li se jsiru eżamijiet tal-kitba għall-Awotrizzazzjoni A u B bejn **it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2026** u **l-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2026** sabiex l-applikanti li jgħaddu jkunu jistgħu japplikaw għand ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) għall-ħruġ ta' Awtorizzazzjoni 'A' u 'B', kif stipulat fl-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545) u r-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi (L.S.545.24).

2. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu wkoll li **l-Eżami Prattiku u l-Intervista** marbutin mal-Awtorizzazzjoni għall-persuni li jagħmlu installazzjoni tal-elettriku 'A' u 'B' ser isiru bejn **l-Erbgħa 9 ta' Settembru 2026** u **l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2026.**

3. Wieħed jista' jikseb kopja tas-sillabu mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet f'dan il-URL: https://myexams.gov.mt/mt/local-licences-examinations/

4. L-eżamijiet huma mqassma kif ġej:

**(a) Eżami għall-Awtorizzazzjoni 'A' -** ***Single Phase***

**L-Ewwel Karta** (Eżami bil-miktub)

| | |
|---|---|
| Ħin: | Sagħtejn u nofs (2½) |
| Marka: | 100% (Mass.), *Pass mark* 50% |

**It-Tieni Karta** (Eżami bil-miktub)

| | |
|---|---|
| Ħin: | 3 sigħat (3) |
| Marka: | 100% (Mass.), *Pass mark* 50% |

**Eżami Prattiku u l-Intervista**

| | |
|---|---|
| Ħin: | Siegħa (1) |
| Prattiku: | Marka (Mass. 70%) |
| Intervista: | Marka (Mass. 30%) |
| Marka globali: | 100% (Mass.), *Pass mark* 50% |

**(b) Eżami għall-Awtorizzazzjoni 'B' -** ***Three Phase***

**L-Ewwel Karta** (Eżami bil-miktub)

| | |
|---|---|
| Ħin: | Sagħtejn u nofs (2½) |
| Marka: | 100% (Mass.), *Pass mark* 50% |

**It-Tieni Karta** (Eżami bil-miktub)

| | |
|---|---|
| Ħin: | 3 sigħat (3) |
| Marka: | 100% (Mass.), *Pass mark* 50% |

**Eżami Prattiku u l-Intervista**

| | |
|---|---|
| Ħin: | Siegħa (1) |
| Prattiku: | Marka (Mass. 70%) |
| Intervista: | Marka (Mass. 30%) |
| Marka globali: | 100% (Mass.), *Pass mark* 50% |

5. Il-kandidati jridu jgħaddu **miż-żewġ karti tal-kitba** fl-istess sessjoni tal-eżamijiet sabiex ikunu eliġibbli biex ipoġġu għall-Eżami Prattiku u l-Intervista.

6. Kandidati li għaddew miż-żewġ karti tal-kitba iżda m'għaddewx jew kienu assenti fl-Eżami Prattiku u l-Intervista, jistgħu jerġgħu jpoġġu għall-Eżami Prattiku u l-Intervista biss, fi żmien **sentejn** mis-sessjoni tal-eżami tal-kitba.

7. Biex il-kandidati jkunu jistgħu japplikaw mar-REWS għall-Awtorizzazzjoni 'A' jew Awtorizzazzjoni 'B' iridu jkunu kisbu *pass mark* fiz-**żewġ** karti (*L-Ewwel u t-Tieni Karta tal-kitba)* kif ukoll kisbu *pass mark* fl-Eżami Prattiku u l-Intervista.

8. Il-kandidati jistgħu japplikaw online billi jidħlu fit-sit https://myexams.gov.mt/applications/ bejn **it-Tnejn 11 ta' Mejju 2026** u **l-Ġimgħa 22 ta' Mejju 2026.**

9. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

10. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżommu d-dritt li jieħdu azzjoni dixxiplinarja kontra kwalunkwe kandidat li jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ksur **tal-Istruzzjonijiet ta' Gwida lill-Kandidati** mehmuża man-notifika tal-eżami, li tintbagħat lil kull kandidat.

11. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżommu d-dritt li jħassru l-eżami u/jew jiskwalifikaw kandidat/i jekk tinstab xi irregolarità fi kwalunkwe stadju tal-eżami. Tali tħassir u/jew skwalifika jistgħu japplikaw għall-eżami kollu, anke jekk l-irregolarità tkun f'karta waħda biss.